



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14865/1/19
REV 1

ECOFIN 1119
ENV 990
CLIMA 321
FIN 799

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14329/1/19 REV 1	
Suġġett:	Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Ħidma tal-ECOFIN dwar l-Azzjoni Klimatika

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness id-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Ħidma tal-ECOFIN dwar l-Azzjoni Klimatika, approvata mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3736 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Diċembru 2019 fi Brussell.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Ħidma tal-ECOFIN dwar l-Azzjoni Klimatika

It-tibdil fil-klima huwa sfida globali li teħtieġ rispons globali koordinat u għalhekk il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għustament telgħet fil-quċċata tal-aġenda politika¹. Fil-laqgħa informali f'Settembru 2019, il-ministri tal-ECOFIN esprimew l-ambizzjoni tagħhom li jkollhom rwol importanti fil-kontribut għall-azzjoni klimatika u t-transizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. Il-ministri taw l-appoġġ tagħhom għal azzjoni klimatika msaħħa fil-livell tal-UE u ssottolinjaw l-importanza tat-tmexxija tal-UE fid-dinja. F'dan il-kuntest, il-ħidma tal-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika hija rilevanti². Barra minn hekk, il-ministri tal-ECOFIN jappoġġaw il-ħidma tal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli (IPSF).

L-inizjattiva tal-Presidenza li jiġu organizzati diskussjonijiet ta' politika regolari ppreżentata fl-ECOFIN informali kisbet appoġġ wiesa' u qawwi. F'dan il-kuntest, tħejja abbozz ta' pjan ta' ħidma tal-ECOFIN li jservi ta' bażi għal diskussjonijiet regolari ta' politika.

¹ F'Ġunju 2019, il-ministri tal-ECOFIN iddiskutew il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjaneta Nadifa għal Kulħadd".

² Il-Koalizzjoni qablet dwar ħarsa ġenerali lejn il-Pjan ta' Azzjoni tagħha fil-Laqgħa Ministerjali tad-19 ta' Ottubru 2019 f'Washington D.C, bil-għan li tintegra l-azzjoni klimatika fil-politiki ekonomiċi u finanzjarji.

Prinċipji ġenerali

- Il-Pjan ta' Ħidma inizjali tal-ECOFIN jinkludi lista mhux eżawrjenti ta' temi ta' politika li tqajmu waqt id-diskussjoni informali waqt l-ikla ta' nofsinhar tal-Ecofin ta' Settembru.
- Il-Pjan ta' Ħidma jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u janalizza l-politiki u l-miżuri biex tiġi indirizzata l-bidla fil-klima f'diskussjonijiet regolari.
- L-għan huwa li jkun hemm fokus fuq ir-rwol u l-impatt ta' politiki differenti fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, mhux fuq fajls leġislattivi speċifiċi fl-ewwel istanza.
- Il-pjan jiddependi fuq il-ħidma analitika u l-valutazzjonijiet tal-impatt ipprovduti mill-Kummissjoni u fuq l-appoġġ mill-kumitati rilevanti, il-BEI u istituzzjonijiet oħra.
- Il-Pjan ta' Ħidma jipprovdi lista tentattiva ta' suġġetti u huwa "dokument ħaj", aġġornat fuq bażi regolari taħt Presidenzi futuri tal-Kunsill.
- Minbarra l-flussi ta' ħidma ċentrali tal-ECOFIN, id-diskussjonijiet regolari jistgħu jkopru suġġetti trasversali indirizzati minn konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill.

Kwistjonijiet ta' politika ewlenin

- L-impatti u l-kosti ekonomiċi tat-tibdil fil-klima huma diversi, u għalhekk jeħtieġu azzjoni komprensiva u koerenti fis-setturi ekonomiċi kollha biex jiġu indirizzati. Id-diskussjonijiet regolari jkunu jkopru kemm miżuri ta' politika diretti kif ukoll indiretti u l-effetti tagħhom inkluż il-kosti ta' transizzjoni u dawk soċjali.
- Il-miżuri rilevanti għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima inklużi fid-diskussjonijiet ikunu jinkludu l-ipprezzar tal-karbonju (li jkopri kemm l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, it-tassazzjoni kif ukoll sussidji li jagħmlu ħsara), l-ibbaġitjar ekoloġiku u l-miżuri u l-inċentivi finanzjarji sostenibbli.
- Barra minn hekk, id-diskussjonijiet għandhom ikopru r-rwol tal-istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali (bħall-BEI) u l-finanzjament tal-UE fil-mobilizzazzjoni ta' finanzi privati u investimenti sostenibbli.
- Barra minn hekk, id-diskussjonijiet għandhom jindirizzaw l-aspetti ġenerali tat-tfassil ta' politika, bħall-effettività, il-kosteffiċjenza, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali, il-prinċipju ta' ekwità, il-kompetittività, is-sostenibbiltà makroekonomika, finanzjarja u fiskali kif ukoll il-koordinazzjoni internazzjonali.

Lista tentattiva ta' suġġetti b'xi indikazzjoni tal-iskedar tista' tkun kif ġej:

- Finanzjament internazzjonali għall-klima (Novembru 2019)
- Pjan ta' Ħidma tentattiv tal-ECOFIN (Diċembru 2019)
- Finanzjament sostenibbli (Diċembru 2019)
- Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Aspetti Ekonomiċi u Finanzjarji
- L-ibbaġitjar ekoloġiku
- L-ipprezzar tal-karbonju, it-tassazzjoni ekoloġika u s-sussidji dannużi
- L-istrateġija tal-finanzjament ekoloġiku
- L-investiment ekoloġiku